u wara l-qamħ hemm ragħaj idoqq iż-żaqq u ieħor idoqq it-tanbur. Mhux tismagħhom?" Hwejjeġ ma jitwemmnux! Dak il-ħin inzertaw għaddejjin minn quddiem id-dar ta' Serafinu, xi erbgħa min-nies tar-raħal idoqqu ż-żaqq u t-tanbur kif dari kienu joħorġu idoqqu lejlet il-Milied.

"Qiegħed tismagħhom, pà? Hux qiegħed ngħidlek sewwa!"

Il-missier miel fuq ibnu u biesu, it-tifel kellu wiċċu mixrub u mimli għaraq kiesaħ, iżda ma kienx jidher batut, u biex jagħti gost lil missieru qallu:

"Kemm inħossni tajjeb! Inħossni ħieles minn kull toqol ta' mard. Issa nista' nogħla u ntir ma' dawk l-anġli li hemm iduru fuq dak l-għar u nkanta magħhom "Gloria in Excelsis Deo", Glorja lil-Bambin Ġesù. Araħ hemm, pà! Ħares lejh f'dak il-għar bejn il-Madonna u San Ġużepp. Tarbija ħelwa mimli dawl u dija. Niżżih ħajr talli fejjaqni mill-mard, talli ħadni miegħu nara artijiet u bliet u nitgħaxxaq bil-ħolqien kif dejjem xtaqt. Niżżik ħajr Bambin ċkejken u nbusek minn qalbi".

Serafinu medd idu u tawwalha, iżda minnufih dik il-wejda waqgħet bla saħħa u ġiet fuq il-presepju li ftit qabel, missieru kien qegħedlu fuq mejda ħdejn rasu biex malli jistenbah jarah għal għarrieda u jifraħ bih.

Malli stabtet idu, it-tifel karab, ġismu ntreħa, għajnejh inqalbu, imbagħad ingħalqu, iżda fuq fommu baqgħet tiddi tbissima ta' l-anġli, fil-kamra dehret ieħħa ta' dija li tgħammex il-għajnejn u nxammet fwieħa li tgħaxxi.

Missier u omm Serafinu nxteħtu fuq binhom, iżda dan kien mar il-Ġenna.

## AVVIŻ LILL-IMSEĦBIN

**Xtaqna nigbdu l-attenzjoni ta' l-imseħbin ta' "IL-MALTI" fuq l-indirizzi ħżiena li baqgħu jidhru fil-lista ta' xi membri li biddlu djarhom; ħaġa li qiegħda tkun kaġun ta' tfixkil fix-xogħol ta' l-impustar ta' "Il-Malti". Minħabba f'hekk qegħdin jaslulna lura xi numri ta' "Il-Malti", jiġifieri ta' dawk l-imseħbin li biddlu djarhom, u ma bagħtux igħidu lill-Kaxxier l-indirizz ġdid tagħhom. Dawk kollha li biddlu l-indirizz tagħhom huma, għalhekk, mitluba li jibagħtu l-indirizz ġdid tagħhom lis-Sur Victor Apap, Kaxxier tal-Għaqda, 22, Triq It-Torri, Tas-Sliema.**



**IN MEMORIAM**

## IL-MEWT TA' MONS. KANT.

## DUN PAWL GALEA, J.C.D.

B'għafsa ta' qalb, din id-darba wkoll, wara l-aħbar kerha tal-mewt ta' wieħed mill-egħżeż ħbieb tal-"Għaqda", kelina nħożżu bl-iswed f'waħda mill-faċċati tagħna, l-aħbar mhux inqas kerha tal-mewt ta' wieħed mill-iktar anzjani fost il-Membri tal-"Għaqda" — jiġifieri ta' **Mons. Dun Pawl Galea** — President Onorarju tal-"Għaqda" — li kellu l-mertu kbir li jiftħilna l-mogħdija tat-twelid tal-"Għaqda" u ta' din ir-rivista.

Bilkemm kienet għaddiet sena, li ismu żżejjen bil-ġieħ tal-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi" għal-mertu tiegħu bħala wieħed mill-ewwel ħaddiema għall-moviment u progress tal-Malti meta Mons. Dun Pawl Galea, taħt it-toqol taż-żmien u tax-xogħol tal-moħħ, is-Sibt, id-29 tax-xahar ta' Novembru li għadda, fil-5 ta' fil-għodu, wara ħass ħażin ta' ħamest ijiem, kien għalaq għajnejh għal dejjem.

Fuq il-ħidma tiegħu għall-Malti, li hu kien tant iħobb u jgħożż għidna biżżejjed fl-editorjal ta' Marzu ta' dis-sena, kif ukoll intqal fil-wisa' fid-diskorsi li saru fl-okkażjoni taċ-ċerimonja li saritlu tal-Preżentazzjoni tal-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi" u m'għandniex għalfejn intennuhom lill-qarrejja tagħna, għallinqas din id-darba. Ngħidu biss illi l-mewt ta' Dun Pawl — kif donk kien iħobb iniżżel ismu fl-artikoli tiegħu f'din ir-Rivista — wara dik ta' sieħbu Ġużè Muscat Azzopardi, fil-ħidma tal-Malti, hija telfa ta' waħda mill-ewwel żewġ kolonni sħaħ tal-bini tal-"Għaqda".

Jalla t-tifkira ta' wieħed u l-ieħor jibqgħu ħajjin fostna kif jixraq li għandhom jibqgħu biex dejjem tħeġġiġna nimxu wara l-istampa li ħallew tal-passi tagħhom.